**FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rikors Nru. 198/2022 GM**

**Illum 13 ta’ Frar 2023**

**Ġanni Attard, detentur tal-Karta tal-identita' numru 54762(G).**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat u r-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali (Għawdex) u Dr Frank Galea u Dr Kenneth Grima għal kull interess li jista' jkollhom.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Kostituzzjonali ta' Ġanni Attard li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

> L-esponenti intavola kawża ċivili permezz ta' Rikors Ġuramentat tas-17 t'April 2015 fl-ismijiet Ġanni Attard vs Dr Frank Galea (Rik. Ġur. Nru. 20/2015 (JVC)), fejn talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Ġenerali) sabiex tiddikjara illi l-konvenut Dr Frank Galea naqas milli josserva l-Liġi u naqas fl-obbligi tiegħu illi jagħmel dak kollu neċessarju sabiex meta sar jaf bil-

merħla tal-attur jirreġistra l-istess merħla; tiddikjara illi l-istess konvenut bl-azzjonijiet tiegħu u/jew bin-nuqqas ta' aġir tiegħu kkawża l-qatla tal-merħla tal-attur u dan a dannu tal-istess attur; tillikwida l-ammont ta' danni, danni morali, u telf ta' qligħ naxxenti minn tali nuqqas u dan anke permezz tal-ħatra ta' perit/i nominandi; tikkundanna lill-istess konvenut sabiex iħallas l-ammont ta' danni, danni morali u telf ta' qligħ hekk kif likwidati fi żmien qasir u perentorju.

B'sentenza mogħtija fis-17 ta' Ottubru, 2017 il-Qorti ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent u kkundannatu jħallas l-ispejjeż tal-kawża.

L-ispejjeż u drittijiet ta' din il-kawża fl-ewwel istanza ġew intaxxati għall-ammont ta' €54,463.09;

Minn din is-sentenza ġie intavolat appell quddiem it-Qorti tal-Appell, liema appell jinsab differit għat-2 ta' Mejju 2022. L-esponenti ġie notifikat b'Avviż skont l-Artikolu 209 u 249 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn ġie mitlub jagħmel garanzija għall-ispejjeż tal-kawża fl-ammont ta' €48,499.29;

L-esponenti intavola proċedura ta' ritassa fl-ismijiet Ġanni Attard vs Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex) (Rik. Nru. 20/2015 JVC) fejn permezz ta' sentenza tat-15 ta' Mejju 2018 l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati kkonfermat li t-taxxa ġiet maħduma skont it-liġi. Din is-sentenza eventwalment ġiet ikkonfermata fl-appell mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu 2022;

Għandu jingħad pero' li għalkemm il-kawża fuq imsemmija kienet waħda da liquidarsi fejn fiha l-esponenti talab lill-Qorti tillikwida ammont ta' kumpens li jirriżultalha dovut, it-taxxa ġiet maħduma fuq valur ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju li kien ġie intavolat minnu;

Dan il-Mandat ta' Sekwestru kien sussegwentement ġie revokat permezz ta' digriet tat-29 ta' Mejju 2015 u dan minkejja li l-ammont kawtelat ma ġiex rifless fit-talbiet tar-rikors ġuramentat promotur. Illi fid-digriet hawn imsemmi, dik il-Qorti indikat espressament illi "l-ammont ikkawtelat u cioe' dak ta' miljun u nofs Euro (€1,500,000) ma jirriżultax li huwa 'prima facie' ġustifikat anzi mill-informazzjoni mogħtija lill-Qorti sal-lum dwar l-istess pretensjoni bl-ebda mod ma tista' tifhem kif l-attur wasal għal dak l-ammont";

Il-Qorti segwiet billi tispjega illi:

"Din il-Qorti ssostni li d-dritt li jintalab il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji speċjalment għal dawn l-ammonti tant kbar li żgur li jġibu s-sekwestrat dahru mal-ħajt mil-lat finanzjarju m'għandux jintuża b'mod abbużiv jew leġġer meta wieħed jikkunsidra l-konsegwenzi serji li dan jista' jkollu fuq is-sekwestrat u din il-Qorti jidhrilha li fiċ-ċirkustanzi odjerni t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru inkwistjoni saret b'mod abbużiv u leġġer ħafna fi stadju fejn il-pretensjonijiet tal-attur Ġanni Attard għadhom ferm 'il bogħod milli jiġu konkretizzati wisq anqas li jsir il-kalkolu għall-valur pretiż minnu."

L-ispejjeż, drittijiet u kwatela intaxxati huma esegerati, eżorbitanti u sproporzjonati u jċaħħdu lill-esponenti minn aċċess għall-qrati u għal ġustizzja dan bi vjolazzjoni

tad-drittijiet fundamentali tiegħu hekk kif sanċiti taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan hekk kif sejjer jiġi dettaljatament ippruvat waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors

Talab lil din il-Qorti sabiex:

Tiddikjara illi l-ispejjeż, drittijiet u kawtela relatati mal-kawża fl-ismijiet Ġanni Attard vs Dr Frank Galea (Rik. Ġur. Nru. 20/2015 (JVC) imposti fuq ir-rikorrenti huma leżivi fid-drittijiet fundamentali tiegħu senjatament dawk sanċiti taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u taħt l-Artikolu 6 u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Rat ir-Risposta għar-Rikors Promotur tal-Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepixxa illi :-

1. In linea preliminari, fejn ir-rikorrent qiegħed jilmenta li l-komputazzjoni tal-ispejjeż, drittijiet u kawtela fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 20/2015 JVC fl-ismijiet Ġanni Attard vs Dr Frank Galea jledu d-drittijiet fundamentali tiegħu, l-esponent jeċepixxi illi ma huwiex il-leġittimu kontradittur u dan ai termini tal-artikolu 181B tal-kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. In linea preliminari u mingħajr l-ebda preġudizzju, ir-rikorrent għandu jikkonferma illi t-talba tiegħu hija msejsa fuq il-lat ċivili tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

3. In linea preliminari, r-rikorrent għandu jindika għal liema possediment qiegħed jirreferi meta jilmenta li d-dritt protokollari tiegħu tal-proprjeta' qiegħed jiġi leż, stante li dan mhuwiex ċar mill-fatti;

4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent stante li huma infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt;

5. Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari rigwardanti l-artikolu 6 u 39, l-esponent jeċepixxi li ma saret l-ebda leżjoni ta' xi dritt tiegħu sanċit permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni konsegwenti tal-mod kif ġew ikkomputati l-ispejjeż, drittijiet u kawtela fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 20/20l5 JVC fl-ismijiet Ġanni Attard vs Dr Frank Galea;

6. B'referenza għall-allegat ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari, l-esponent jeċepixxi illi sabiex ir-rikorrent jilmenta mill-ksur ta' dritt proprjetarju tiegħu, l-

oġġett in kwistjoni għandu jaqa' fil-parametri ta' possediment ai finijiet tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll;

7. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, inkluż l-eċċezzjoni preliminari, u abbażi tal-fatti kif premessi, l-esponent jeċepixxi illi ma jeżisti l-ebda ksur fundamentali tad-dritt tal-proprjeta';

8. Il-Qorti ta' Sede Kostituzzjonali m'għandhiex tiġi utilizzata bħala xi Qorti tat-Tielet Istanza, speċjalment meta tenut kont tal-fatti kif spjegati mir-rikorrent stess, huwa ċar li dak li qiegħed jittenta r-rikorrent huwa li jakkwista interpretazzjoni diversa minn dik l-interpretazzjoni li diġa' taw il-qrati ċivili fejn tirrigwardja l-kwistjoni tal-ispejjeż, filwaqt li fejn jidħol il-ħlas tal-kawtela, r-rikorrent għandu rimedju. Konsegwentement din l-Onorabbli Qorti ma għandha tagħmel l-ebda dikjarazzjoni;

9. Salv għall-eċċezzjonijiet oħra bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti;

Għaldaqstant u fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat ir-Risposta ta' Dr Frank Galea u Dr Kenneth Grima li permezz tagħha eċċipew illi :-

1. Preliminarjament, ir-rikors tar-rikorrenti huwa intempestiv stante illi r-rikorrenti għadu m'eżawriex ir-rimedji ordinarji kollha disponibbli għalih għaliex jekk xejn wieħed għandu l-ewwel jistenna l-eżitu tar-rikors għall-eżenzjoni mill-ħlas tal-kawtela illi diġa' ppreżenta r-rikorrenti u li għadu mhux deċiż mill-Qorti tal-Appell.

2. Fil-mertu, dan l-aħħar rikors kostituzzjonali huwa l-aħħar minn serje sħiħa ta' abbużi proċedurali illi qiegħed jittanta jagħmel ir-rikorrent Ġanni Attard biex jipprova jevita l-konsegwenzi ta' proċeduri ġudizzjarji fittizzji intiżi biss biex jikkrejaw pressjoni fuq l-esponenti. Illi fil-fatt dawn huma t-tielet sett ta' proċeduri kostituzzjonali li vvinta r-rikorrent naxxenti mir-Rik Ġur 20/2015 JVC. Fil-fatt, pendenti hemm ukoll ir-rikors kostituzzjonali 40/2021 MH u jistennew id-deċiżjoni hemm ukoll ir-Rikors Kostituzzjonali 109/2020 AF li huma differiti għad-deċiżjoni. Apparti minn hekk, ir-rikorrent kien intavola, u tilef, diġa' sew fil-Prim' Istanza u kif ukoll fl-Appell, proċeduri ta' ritassa, u cioe' r-rikors 20/2015/3, deċiżi mill-Appell nhar it-30 ta' Marzu 2022.

3. Dan kollu juri illi dwar il-punt tal-ispejjeż diġa' kellu r-rimedji kollha disponibbli għalih. Il-fatt biss illi dawk il-proċeduri ma sarrfux fir-riżultat li xtaq ir-rikorrent ma jfissirx illi dawn isarrfu fi ksur tal-prinċipji sanċiti fl-Art 6 tal-Konvenzjoni bħal ma jippretendi r-rikorrent.

4. Dwar il-kawtela, ir-rikorrent għadu m'eżawriex ir-rimedji kollha ladarba l-Qorti tal-Appell għad trid tiddeċiedi jekk hux ħa teżentaħ mill-ħlas tal-kawtela o meno.

5. F'kull każ pero' tajjeb illi wieħed jiġbed l-attenzjoni għal fatt illi l-ispejjeż, u l-kawtela relattiva hija bbażata fuq tariffa maħduma ad valorem, skont it-talbiet imressqa mir-rikorrent stess. Kien ir-rikorrent innifsu illi ppretenda danni minfuħin, eżaġerati, u mingħajr ebda fundament fattwali u legali, li wasslu biex id-drittijiet tal-avukat, l-ispejjeż tal-kawża u l-kawtela relattiva ġew stabbiliti skont dawk id-danni bħal ma hu indikat mit-tariffa, u bħal ma hu meħtieġ skont il-prinċipji naturali applikabbli u cioe' illi kawża tiġi intaxxata skont il-valur tagħha. F'dan is-sens tajjeb illi wieħed iħares mhux biss lejn dak li sabbiliet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Marzu 2022 fl-ismijiet 'Ġanni Attard vs Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex)', iżda wkoll dak stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, kif komposta, fis-sentenza li ingħatat iktar kmieni dan ix-xahar stess, u cioe' l-kawża ta' ritassa fl-ismijiet 'Edwin Zammit vs Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali', deċiża fil-21 t'April 2022.

6. Para 14 tat-Tariffa E tal-Kap 12 li jaqra hekk: "Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni xxiii ikun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit".

7. Din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta ġustament stabbiliet illi:

'Il-Para. 14 ma jorbotx il-valutazzjoni tat-taxxa mat-talbiet fir-Rikors Maħluf, imma ma' dak kollu li jirriżulta mill-proċess. L-uniċi żewġ rekwiżiti biex jiġi sodisfatt il-Para. l4 huma "dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt", li tkun tifforma parti minn sentenza tal-Qorti li "jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess". Il-liġi ma tiddistingwix bejn dikjarazzjoni pożittiva u dikjarazzjoni negattiva u lanqas, jekk tkun negattiva, xi tkun ir-raġuni għaċ-ċaħda tal-Qorti - huwa rrilevanti kinitx negattiva minħabba nuqqas ta' provi, minħabba estinżjoni tal-obbligazzjoni, jew minħabba kwalunkwe raġuni oħra, inkluża dik li ħaġa pretiża fl-atti ma kinitx fost il-pretenzjonijiet fir-Rikors Maħluf. L-interpretu ma jistax jagħmel distinzjonijiet fejn il-liġi ma tagħmilhomx, Il-vires tar-Reġistratur fit-tassazzjoni tad-drittijiet huwa differenti mill-vires tal-Qorti.'

8. Għaldaqstant huwa palesi illi anke fil-mertu dawn il-proċeduri m'għandhom l-ebda bażi legali.

9. F'każ illi din l-Onorabbli Qorti kellha tieħu dawk il-miżuri li qed jintalbu mir-rikorrent u tilqa' dan ir-rikors ser jkun qed jiġi preġudikat serjament ħafna iktar l-esponenti illi s'issa, kawża tal-immaġinazzjoni u minn dak li jidher li huwa bir bla qiegħ tar-rikorrenti li flus biex jivvinta u jispara l-kawżi u l-mandati għandu imma

allegatament flus biex iħallas il-kawtela m'għandux, din ser tkun il-ħmistax-il proċedura ċivili illi intavola r-rikorrent naxxenti mill-istess mertu, u li dawk kollha li nfetħu kontra l-esponenti diġa' ma ngħatax raġun minnhom. L-unika waħda pendenti li fadal hija dik tal-Qorti tal-Appell, mill-kawża fil-mertu li fl-aħħar ser tagħti riżoluzzjoni definittiva għal dil-vertenza.

Rat ir-Risposta tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali (Għawdex) għar-rikors kostituzzjonali ta' Ġanni Attard li permezz tagħha eċċipixxa illi :-

Fl-ewwel lok, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi fir-rigward tal-ilment dwar il-kawtela mitluba fl-appell tal-kawża fl-ismijiet Ġanni Attard vs Dr Frank Galea (Rik. Ġur. Nru. 20/2015 JVC), huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur tar-rikorrent stante illi m'huwiex responsabbli għall-kalkolu tal-valur tal-kawtela u l-impożizzjoni tal-istess kawtela fl-istadju tal-appell. Għaldaqstant, in kwantu r-rikorrenti qed jilmenta dwar il-komputazzjoni u l-impożizzjoni ta' kawtela fl-istadju ta' appell, l-esponenti ma jistax ikun responsabbli għal xi leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u għandu jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju.

Illi fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għall-premess, mill-mod kif ġie mfassal ir-rikors promotur jidher li r-rikorrent qed juża din il-proċedura biex effettivament jittenta ritassa oħra tal-ispejjeż u drittijiet relatati mal-kawża fl-ismijiet Ġanni Attard vs Dr Frank Galea (Rik. Ġur. Nru. 20/2015 JVC) u dana biex jevita li jħallas l-istess spejjeż u drittijiet. Għalhekk illimita ruħu għal dikjarazzjoni ta' ksur. Issa l-esponenti jissottometti bir-rispett illi dawn l-ispejjeż u drittijiet diġa’ huma *res judicata* permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Marzu 2022 u l-Artikolu 227 tal-Kap 12 jiddisponi ċar illi ma hemmx appell minn sentenzi tal-Qorti tal-Appell.

Inoltre, fit-tielet lok, l-artiklu 37(2)(a) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-ewwel artiklu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jeskludu mill-applikazzjoni tal-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-ewwel artiklu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittrjiet tal-Bniedem l-impożizzjoni ta' drittijiet bħalma huma dawk komputati mill-esponenti fil-kawża msemmija. Għaldaqstant, it-talbiet rikorrenti in kwantu jirrigwardaw spejjeż u drittijiet ikkomputati mill-esponenti fil-proċeduri msemmija għandhom jiġu miċħuda.

Fir-raba' lok, ir-rikorrenti imkien ma jispjega jew imqar jindika liema liġi kiser l-esponenti meta dan ħadem u ntaxxa l-ispejjeż u drittijiet li qed jillamenta minnhom. Dan jindika li anke r-rikorenti stess jirrikonoxxi illi l-ispejjeż u d-drittijiet inħadmu skont il-liġi. Għaldaqstant, l-uniku mod kif ir-rikorrenti jista' jattakka l-istess spejjeż u drittjiet huwa billi jittenta jimpunja l-liġi li tistabbilixxi t-tariffi applikabbli u li tirregola l-mod ta' kif jiġu intaxxati l-ispejjeż u d-drittijiet fil-kawżi. Pero' biex jagħmel hekk, ir-rikorrenti kellu jillimita l-azzjoni tiegħu kontra r-rappreżentant tal-Istat, u bl-ebda mod ma kellu jinvolvi lill-esponenti li hu parti mill-eżekuttiv u kull

> ma jagħmel hu li japplika l-liġijiet tal-Istat. Għaldaqstant ukoll, it-talba rikorrenti għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż a karigu tiegħu.
>
> Fl-aħħar lok, bla preġudizzju għall-premess u a skans ta' ripetizzjoni, l-esponenti jagħmel bħala tiegħu l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-intimati l-oħra l-Avukat tal-Istat, Dr Frank Galea u Dr Kenneth Grima.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat l-atti allegati.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ir-rikorrent jilmenta li s-somma ta' €54,463.09 likwidata mir-Reġistratur tal-Qrati bħala taxxa għall-ispejjeż u drittijiet ta' kawża numru 20/2015 li fetaħ kontra Dr. Frank Galea u ta' €48,499.29 li ntalab jagħmel bħala kawtela għall-ispejjeż tal-appell huma esaġerati, eżorbitanti u sproporzjonati u għalhekk iċaħħduh mid-drittijiet protetti mill-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt l-Art. 6 u Art. 1 ta' Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Ikkunsidrat:

Kif inhu sewwa magħruf, skont il-proviżo għall-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, din il-Qorti, meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur l-ilmentatur skont xi liġi oħra, tista' tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha li tagħti rimedju skont l-istess Art. 46. Dan il-provvediment huwa replikat fil-proviżo tal-Art. 4(2) tal-Kap 319 rigward il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan sabiex il-proċedura biex jitħarsu d-drittijiet fundamentali ma tiġix ibbanalizzata.

L-ilment tar-rikorrent mhuwiex imsejjes fuq xi allegazzjoni li t-test tal-liġi huwa leżiv, iżda li l-ispejjeż mitluba kienu eżorbitanti.

Skont Art. 904 tal-kodiċi ritwali, jekk l-appellant ma jkunx f'qagħda li jġib il-garanzija mitluba minnu, il-Qorti tal-Appell, jekk issib li jkun hemm *probabilis causa litigandi*, tista' teżentah milli jġib is-somma mitluba u minflok tagħtih il-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament.

Permezz ta' rikors tad-29 ta' Diċembru 2021, waqt l-appell 20/2015/2, ir-rikorrent iddikjara li ma kienx f'qagħda jħallas il-kawtela u għalhekk talab li jiġi eżentat milli jħallasha. Minkejja li l-Qorti tal-Appell, b'digriet tal-5 ta' Jannar 2022, ordnatlu jippreżenta nota ġuramentata dwar l-attiv u l-passiv tiegħu, huwa naqas li jagħmel dan. Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2022 l-appellant (ir-rikorrent odjern) lanqas biss indenja ruħu li jattendi għas-seduta li fiha kellhom jinstemgħu l-provi tiegħu. L-avukat tiegħu sempliċiment qal li ma setax jattendi. Iddikjara wkoll li ma kellux provi xi jressaq dwar il-garanzija u għalhekk il-Qorti tal-Appell iddikjarat il-provi magħluq fir-rigward. Fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2022 l-istess Qorti ċaħdet it-talba tal-appellant għaliex ma ġabx prova li ma setax iħallas il-kawtela, u ma kkonfermax ir-rikors tiegħu bil-ġurament kif jirrikjedi l-Art. 904 tal-kodiċi ritwali, u ma kellux *probabilis causa litigandi.*

M'hemmx dubju li l-Kodiċi ta' Proċedura jagħti rimedju għal min ma jkunx f'qagħda li jħallas il-kawtela, u li dan ir-rimedju huwa wieħed siewi u effettiv. Lanqas hemm dubju li r-rikorrent ingħata kull opportunita` li jsemma' leħnu dwar il-kawtela u li huwa kappriċċożament naqas li juża' din l-għodda li tagħtih il-liġi ordinarja. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas, din il-Qorti tqis li huwa

opportun li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont l-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Spejjeż a karigu tar-rikorrent.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA